C/2024/1226

31.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11413 – DUISPORT / TKSE / TKSL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1226)

1. Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Duisburger Hafen Aktiengesellschaft (iktar 'il quddiem "Duisport"), ikkontrollata mill-Beteiligungsverwaltungsgesellschaft des Landes Nordrhein-Westfalen mbH (iktar 'il quddiem "BVG") (it-tnejn fil-Ġermanja),

— thyssenkrupp Steel Europe AG (iktar 'il quddiem "tkSE"), parti mill-grupp thyssenkrupp AG (it-tnejn fil-Ġermanja),

— thyssenkrupp Steel Logistics GmbH (iktar 'il quddiem "tkSL") (il-Ġermanja), ikkontrollata minn tkSE.

Duisport u tKSE jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' tkSL.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Duisport hija s-sid u l-operatur tal-Port ta' Duisburg. Tikri art u proprjetà għal skopijiet kummerċjali u loġistiċi u tipprovdi servizzi ta' trasbord, imballaġġ u loġistika tal-kuntratti, u servizzi loġistiċi oħra.

— tkSE tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' prodotti ċatti tal-azzar bil-karbonju. L-offerta tagħha tvarja minn soluzzjonijiet ta' materjali personalizzati għal servizzi relatati mal-materjal.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża tKSL huma dawn li ġejjin: tkSL topera l-portijiet privati tax-xogħlijiet ta' tkSE fi Schwelgern u Walsum, li jappartjenu għal żona ta' port kontigwa fil-viċinanza tal-Port ta' Duisburg, jiġifieri l-portijiet tal-impjant tal-azzar ta' tKSE f'Duisburg, li jinsab fis-sit.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11413 – DUISPORT / TKSE / TKSL

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew permezz tal-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË